**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 299/2018 RM**

**Onor. Rosianne Cutajar**

**-vs-**

**Rachel Antoinette Williams**
**Godfrey Leone Ganado**

**Illum, 24 ta' Settembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' l-attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Novembru 2018, fejn talbet lil din il-Qorti tiddikjara illi l-konvenut Godfrey Leone Ganado, permezz ta' *post/s* fuq il-pagna tal-*Facebook* ta' Rachel Antoinette Williams u b'risposta ghall-*post* tal-istess, (kopja annessa u mmarkata bhala Dok RC1), immalafama lill-attrici ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap 579 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tiddikjara illi l-konvenuta Rachel Antoinette Williams, bhala l-persuna responsabbli ghall-kontenut tal-pagna ta' *Facebook* taghha stess immalafamat jew ippermettiet li tigi mmalafamata l-attrici ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap 579 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Qorti ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Ligijiet ta' Malta

Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ai termini tal-Artikolu 14 tal-Kap 579 inehhu d-dikjarazzjoni ossija l-*post*s mertu ta' dina l-kawza mis-sit elettroniku in kwistjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Jannar 2019 fejn gie eccepiet is-segwenti:

"*Illi preliminarjament in kwantu jikkoncerna Rachel Antoinette Williams ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hi ma ghamlet ebda pubblikazzjoni, malafamanti jew le, peress illi l-'post' in kwistjoni ma nkitbitx minnha u ma indikat ebda qbil jew le ma l-istess: ir-rikorrenti donnha qed tippretendi illi kull min ghandu "wall" fuq Facebook ghandu jinzamm responsabbli ghal kull haga li tigi 'posted' bhala kumment fuq l-istess 'wall', liema pretenzjoni hi nfondata fil-fatt u fid-dritt kif jigi muri waqt is-smiegh jekk ikun il-kaz.*

*Illi minghajr pregudizzju ghal dan ta' hawn fuq, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-'posts' citati mhumiex malafamanti u anke jekk jista' jitqies malafamanti ghandu jkun ikkunsidrat bhala 'fair comment' fil-kuntest tal-imgieba tar-rikorrenti b'riferenza partikolari ghal pubblikazzjonijiet precedenti dwarha u/jew minnha u/jew bil-kunsens taghha, kif jigi muri jekk ikun il-kaz waqt is-smiegh.*

*Illi l-'posts' in kwistjoni, kif qed jifhmu f'dan l-istadju l-esponenti huma:*

*(a) "U fil-Parlament qisha 'qahba f'xalata' " u (b) "Bil-Malti nghidu QAHBA"*

*Illi in kwantu ghal (a) hu car illi l-frazi "qahba f'xalata" ghandha tifsira partikolari u kull qarrej ragjonevoli ma jistax hlief jaghti din it-tifsira ghal dan il-frazi, li filwaqt li hi pegorattiva zgur mhijiex malafamanti u bl-ebda mod ma tattribwixxi lir-rikorrenti l-istatus ta' prostituta.*

*Illi in kwantu ghal (b) hu car illi it-tifsira "Qahba" qed tinghata lill-kelma "playgirl" peress illi kieku l-intenzjoni kienet li tiddeskrivi lir-rikorrenti bhala prostituta, il-frazi kellha taqra "Bil-Malti NGHIDULA qahba" u l-qarrej ragjonevoli ma jistax hlief jaghti din it-tisfira ghal din il-frazi.*

*Illi fir-rigward ghat-talba ghat-thassir tal-'post', il-pozizzjoni tal-esponent hi rizervata kemm fil-kuntest tal-kostituzzjonalita' ta' tali talba kif ukoll ghal dak li hu l-impossibilita' tal-istess fl-ambjent teknologiku ezistenti.*

*Bl-ispejjez."*

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat id-digriet moghti waqt l-udjenza tas-7 ta' Marzu 2019 li permezz tieghu gie awtorizzat li l-provi migjuba f'din il-kawza jkunu jghoddu wkoll bhala prova ghall-finijiet tal-kawza Rikors Numru 300/18 RM u rat ukoll id-digriet moghti fl-istess data fl-atti tal-imsemmija kawza Rikors 300/18 RM;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar 2020;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Minn ezami tal-atti, jirrizulta illi d-dikjarazzjonijiet allegatament malafamanti li huma fil-mira ta' din l-azzjoni u illi l-attrici hassitha malafamata bihom, huma dawk li saru mill-konvenut Godfrey Leone Ganado fuq il-pagna tal-Facebook tal-konvenut Rachel Antoinette Williams.

Kwantu ghall-konvenuta Williams l-attrici sostniet illi dawn l-istqarrijiet malafamanti saru fuq il-pagna tal-Facebook taghha, u ghall-kontenut ta' din il-pagna socjali hija responsabbli l-istess konvenuta. L-attrici tishaq ukoll illi l-konvenuta Williams mhux talli ippermettiet illi dawn l-istqarrijiet malafamanti jibqghu hekk ippubblikati fuq il-pagna socjali taghha u ma ghamlet xejn biex ticcensurahom jew tnehhihom, talli addirittura qablet espressament ma' dawk l-istqarrijiet u kkonfermathom.

Il-Qorti rat b'mod sekwenzjali l-*post*s li gew imtellghin fuq il-pagna tal-*Facebook* tal-konvenuta Williams, li kopja stampata taghhom giet esebita mill-attrici in atti[1]. Kwantu ghall-kummenti li saru mill-konvenuta Williams personalment b'mod spontaneju jew bi twegiba ghall-*post*s imtellghin minn terzi fosthom il-konvenut Leone Ganado, il-Qorti tosserva illi l-konvenuta Williams wiegbet "***qed tghid sew***" ghall-mistoqsija li ghamel certu Robert Bugeja:- "*Dik mhux playgirl Nuxellina.*" "*Jew sejjer zball?*" Ghall-bqija, ma jirrizultax illi l-konvenuta Williams qablet ma' xi stqarrija ohra li tinsab fil-mira ta' dan il-libell jew ghamlet xi stqarrija ohra li l-attrici lmentat biha specifikatament.

[1] Fol. 2 sa 5.

Sussegwentement ghal din it-twegiba tal-konvenuta Williams, il-konvenut l-iehor Leone Ganado ghamel is-segwenti dikjarazzjoni permezz ta' *post* imtella' minnu fuq l-istess pagna socjali tal-konvenuta: "***Bil-Malti nghidu QAHBA***".

B'zieda ma' din id-dikjarazzjoni, l-istess konvenut Leone Ganado, fil-kors tal-iskambju li kien qed isir fuq il-pagna socjali in kwistjoni riferibbilment ghall-attrici u b'risposta ghall-*post* tal-konvenuta Williams, kien diga` ttella' *post* iehor fejn staqsa: "***Does she no longer render personalised services in Catania under the Cicciolina franchise?***". Imbaghad, b'referenza ghall-kumment ta' certu Edgar Gatt, il-konvenut wiegeb "***well she may perhaps flirt in Parliament to justify a ministerial post or as an heir to the title of Lady Egrant***". Kiteb ukoll: "***U fil-Parlament qisha 'qahba f'xalata'***".

L-istqarrijiet allegatament malafamanti mertu ta' din il-kawza, hawn fuq riprodotti, saru permezz ta' *post*s imtellghin fuq il-pagna tal-*Facebook* li hija amministrata mill-konvenuta Rachel Antoinette Williams. Dan mhuwiex kontestat mill-konvenuta u lanqas m'huwa kontestat illi l-*post*s fuq riprodotti li qeghdin jigu attribwiti lill-konvenut Leone Ganado, inkitbu u gew imtellghin minnu fuq il-pagna tal-midja socjali tal-konvenuta Williams.

Izda, permezz tal-ewwel eccezzjoni sollevata fir-Risposta tal-konvenuti a fol. 15, il-konvenuta Williams tikkontendi illi hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-pubblikazzjonijiet allegatament malafamanti mertu ta' din il-kawza, ma sarux minnha u hija ma qablet ma' ebda stqarrija li hija malafamanti. Teccepixxi ulterjorment illi l-fatt illi hija ghandha kontroll fuq il-kontenut tal-pagna socjali taghha stess, ma jfissirx illi hija tista' titqies bhala responsabbli ghall-finijiet tal-ligi ghal stqarrijiet imtellghin minn terzi fuq il-pagna socjali taghha u li jistghu jitqiesu bhala libelluzi.

**<u>Nuqqas ta' Legitimazzjoni Passiva tal-Konvenuta Williams</u>**

Kif rajna, il-konvenuta Williams tikkontendi illi hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-pubblikazzjonijiet allegatament malafamanti mertu ta' din il-kawza, ma sarux minnha u hija ma qablet ma' ebda stqarrija li hija malafamanti.

Kif inhuwa risaput, l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' legittimazzjoni passiva necessarjament tistrieh fuq il-karenza ta' kull xorta ta' relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut li jeccepixxi li m'huwiex il-legittimu kontradittur. Inoltre, l-ezistenza o meno tal-legittimazzjoni passiva ghandha tigi stabbilita b'referenza biss ghad-domanda attrici kif dedotta in gudizzju u ghar-rapport bejn il-konvenut u l-*causa pretendi* tal-azzjoni proposta mill-attur, minghajr ma jsir accertament fil-mertu u minghajr ghalhekk, tigi takkolta jew respinta d-domanda attrici. Dan ifisser illi l-Qorti f'dan l-istadju ghandha tillimita ruhha biex tistabbilixxi jekk il-konvenuta tistax tkun is-soggett ta' pronunzjament gudizzjarju fil-parametri tad-domanda attrici, minghajr ma tiddetermina jekk hijiex finalment responsabbli fil-mertu tal-kontroversja.

Dan jimporta d-determinazzjoni dwar jekk jezistix rapport guridiku bejn l-attur u l-konvenuta Williams b'rabta mat-talba sabiex l-istqarrijiet ippubblikati minn terzi fuq il-pagna tal-midja socjali tal-istess konvenuta, jigu dikjarati bhala libelluzi fil-konfront tal-attrici. Biex tintlaqa' din l-eccezzjoni jrid necessarjament jintwera illi din il-konvenuta ma ghandha ebda rabta guridika kwalsiasi mal-attrici.

Il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et**[2] deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell fejn gie ritenut illi:-

---

[2] Cit. Nru. 1365/92AJM

"*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deciza fid-9 ta'April 2008 mill-Qorti tal-Appell, intqal hekk:-

"*In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*"

Ikkunsidrat;

L-attrici qieghda tindirizza l-azzjoni taghha fil-konfront tal-konvenuta Williams **abbazi tal-kawzali li, bhala l-persuna li tamminstra l-pagna tal-midja socjali taghha stess, hija tidher li taqbel ma' dawk l-istqarrijiet li, skont l-attrici, huma diffamatorji**. Ghalhekk, is-success o meno tal-azzjoni attrici fil-konfront tal-konvenuta Williams jistrieh fuq id-determinazzjoni dwar jekk l-istess konvenuta, abbazi ta' din il-kawzai kif imfissra fir-Rikors promotur, tistax tkun fil-mira tal-azzjoni ta' libell.

L-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fl-Artikolu 3(3), jistabbilixxi illi l-azzjoni ta' libell tista' tittiehed mhux biss fil-konfront tal-awtur tal-istqarrija diffamatorja, izda wkoll fil-konfront tal-editur jew il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni. Mill-provi jirrizulta li mhemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-

pagna tal-midja socjali li fuqha gew ippubblikati l-istqarrijiet impunjati mill-attrici, hija amministrata mill-konvenuta Williams.

Minn dan, hu ovvju li bhala amministur tal-pagna tal-midja socjali taghha stess, liema pagna ntuzat minn terzi bhala pjattaforma biex gew pubblikati stqarrijiet allegatament diffamatorji fil-konfront tal-attrici, il-konvenuta ghandha involviment materjali fir-rapport guridiku li fuqha hija bbazata l-azzjoni fit-termini proposti. Wara kollox, id-determinazzjoni tar-responsabbilita` finali tal-konvenuta biex twiegeb ghad-domanda attrici fil-mertu, tiddependi minn stharrig dwar jekk ir-rwol taghha bhala amministratrici tal-pagna taghha tal-midja socjali, jinkwadrax fil-qafas tal-Artikolu 3(3) tal-Att.

Stabbilit dan in-ness, jikkonsegwi illi l-konvenuta Williams hija legittima kontradittur ghad-domanda attrici kif diretta fil-konfront taghha abbazi tal-kawzali mfassla fir-Rikors promotur.

Issa jekk dan kollu huwa bizzejjed biex l-istess konvenuta titqies bhala finalment responsabbli ghat-talbiet attrici fir-Rikors promotur, hija kwistjoni ohra u kull aspett relattiv ghall-mertu tal-pretensjoni attrici, kien u ghadu impregudikat kif del resto ghadhom impregudikati l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuti.

Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Williams hi infondata u ser tigi respinta.

**Il-Mertu**

Izda huwa manifest li ghad-determinazzjoni dwar jekk il-konvenuta Williams ghandhiex titqies bhala finalment responsabbli ghall-fini ta’ din l-azzjoni taht il-Kap. 579, ghall-istqarrijiet ippubblikati fuq il-pagna tal-midja socjali taghha li huma fil-mira ta’ din l-azzjoni, huwa mehtieg qabel xejn li jigi stabbilit jekk

dawn l-istqarrijiet impunjati fosthom dawk li gew miktuba u mtellghin mill-konvenut Godfrey Leone Ganado, humiex diffamatorji fil-konfront tal-attrici.

L-attrici fix-xhieda taghha ghamlet referenza ghal dawk il-*post*s fejn il-konvenut Leone Ganado ghajjarha "*prostituta, qahba, qahba f'xalata*". Hi fissret illi hassitha imzebilha bhala mara ghaliex ghaliha huwa ovvju illi l-awtur ta' dawk l-istqarrijiet ma kienx qed jghid li hija prostituta politika ghaliex kieku kien jghidha specifikatament.

B'referenza ghall-istqarrija tal-konvenut illi "*she may perhaps flirt in Parliament to justify a ministerial post…*", l-attrici xehdet illi dan huwa kumment sessist ghaliex il-kelma "*flirt"* qatt ma tintuza fil-konfront ta' ragel u f'kull kaz hija qatt ma agixxiet b'dak il-mod wisq inqas bhala persuna politika b'xi intenzjoni partikolari[3].

Rigward il-kumment tal-konvenut li l-attrici hija qisha "*qahba f'xalata*", l-attrici tghid li hija hassitha malafamata ghaliex hija dejjem iggib ruhha bl-ahjar mod possibbli anke kif tilbes u titkellem u ghalkemm tirrikonoxxi li jista' jaghti l-kaz li tkun vocifera, dan huwa l-mod kif tiddibatti hi izda tinnega li ggib ruhha b'mod mhux xieraq.

Id-difiza tal-konvenuti hija illi l-kontenut tal-*post*s impunjati, m'huwiex malafamanti hu f'kull kaz ghandu jitqies bhala *fair comment* fl-isfond tal-imgieba tal-attrici.

Il-konvenut Leone Ganado meta xehed quddiem il-Qorti, fisser illi huwa ddeskriva lill-attrici bhala "*qahba f'xalata*" u bhala "*qahba*", f'sens metaforiku ghaliex huwa ried jirreferi ghall-attrici bhala *a political prostitute* bhalma huma del resto, fil-fehma tieghu, il-maggoranza tal-membri tal-Parlament. Dan ghaliex, kif qal l-istess konvenut fix-xhieda tieghu:-

[3] Fol. 52.

"*barra jithallsu l-onorarju taghhom, dawn kollha qeghdin jinghataw impiegi ohra biex jaghlqu halqhom u fil-Parlament jghidu biss dak li li jigu dettati*."
Skont il-konvenut, permezz tad-deskrizzjoni tal-attrici bhala "*qahba*", huwa tefa' lill-attrici fl-istess keffa "*tal-maggoranza tal-membri tal-Gvern li hemm fil-prezent oltre ghall-maggoranza tal-persons of trust ghaliex dawn ... jagixxu ta' prostituti politici.*"[4]

Qal illi huwa ddeskriva lill-attrici bhala "*qahba f'xalata*" ghaliex il-mod kif tinstema' titkellem fil-Parlament u kif fil-fatt huwa inzertaha titkellem fuq l-istazzjon televiziv tal-Parlament, gieghlu jqabbilha ma' qahba f'xalata. Jghid illi din hija espressjoni mhux bil-fors tnissel konnotazzjoni ta' prostituta ghaliex hija espressjoni Maltija li tiddenota lil persuna li tagixxi b'mod xejn raffinat.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti ovvjament trid tillimita ruhha biex tikkunsidra biss dawk id-dikjarazzjonijiet specifici li dwarhom ilmentat l-attrici. Fir-rigward, tosserva illi ma jirrizultax illi fix-xhieda taghha l-attrici lmentat espressament bil-*post* konsistenti fil-mistoqsija tal-konvenut Leone Ganado dwar jekk l-attrici ghadhiex tirreklama servizzi personalizzati taht il-franchise Cicciolina. Konsegwentement, hija l-fehma tal-Qorti li huma l-*post*s tal-konvenut Leone Ganado: "***U fil-Parlament qiesha 'qahba f'xalata***'" u "***bil-Malta nghidu QAHBA***" li jistghu jitqiesu li huma impunjati mill-attrici u li sejrin jigu mistharrga mill-Qorti biex jigi deciz jekk humiex diffamatorji fil-konfront tal-attrici.

- "***U fil-Parlament qiesha qahba f'xalata***"

Huwa inkontestat illi fiz-zmien li saru d-dikjarazzjonijiet mertu ta' dan il-kawza, l-attrici kienet, deputat Parlamentari, rwol li ghadha tokkupa sal-lum il-gurnata.

[4] Fol. 23.

Filwaqt li hu manifest illi l-kumment tal-konvenut "*qiesha qahba f'xalata*" sar b'referenza ghall-imgieba tal-attrici fil-Parlament, ghall-Qorti huwa wkoll ovvju illi l-kritika tal-konvenut dwar l-imgieba attrici ma saritx f'termini ta' prostituzzjoni politika izda f'termini ta' prostituzzjoni *ut sic*. Il-messagg evidenti li jwassal il-konvenut bil-kumment tieghu huwa illi l-attrici tagixxi bhala prostituta fil-Parlament, xejn iktar u xejn inqas. Kemm hu hekk, dan il-kumment sar fil-qafas tal-*post*s li kienu dak il-hin qed jittellghu fuq il-pagna tal-midja socjali in kwistjoni mill-istess konvenut u terzi persuni b'referenza ghal "*Cicciolina*" u "*playgirl Nuxellina*".

Huwa ghalhekk ovvju wkoll ghall-Qorti illi s-similitudini li ghamel il-konvenut bejn l-attrici u "*qahba f'xalata*" saret biex huwa jesprimi l-kejl, fil-fehma tieghu, tal-vulgarita` tal-komportament tal-attrici bhala Deputat Parlamentari waqt is-seduti tal-Parlament, u ma ghandha x'taqsam xejn mal-prostituzzjoni politika fis-sens imfisser mill-konvenut illi Membri Parlamentari jinghataw u jaccettaw impjiegi fis-settur pubbliku jew bhala *persons of trust* biex jizfnu mad-daqqa tal-Gvern. Wara kollox, kwantu ghar-referenza ghal "*Cicciolina*" il-konvenut innnifsu xehed illi huwa qal dan ghaliex Cicciolina tirrapprezenta l-prostituti fl-Ewropa.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tqis illi d-dikjarazzjoni in dizamina m'hijiex stqarrija ta' fatt izda tikkostitwixi l-espressjoni tal-fehma tal-konvenut dwar l-imgieba tal-attrici fil-Parlament. Din ghalhekk ghandha titqies bhala *value judgement* li, ghall-fini ta' difiza f'azzjoni ta' malafama, filwaqt li mhux mehtieg li tigi ppruvata l-verita` tal-fatt, jehtieg li jintwera illi l-kumment huwa xprunat minn fatti li huma sostanzjalment veri:-

*"... a careful distinction needs to be made between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value judgments*

*is not susceptible of proof (see De Haes and Gijsels, cited above, p. 235, § 42, and Harlanova v. Latvia (dec.), no. 57313/00, 3 April 2003).*

*99. Admittedly, where allegations are made about the conduct of a third party, it may sometimes be difficult, as in the instant case, to distinguish between assertions of fact and value judgments. Nevertheless, even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it (see Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001-II).”*[5]

Il-konvenuti jilqghu ghall-azzjoni tal-attrici kwantu diretta ghall-*post* in dizamina, billi jikkontendu li dan m’huwiex malafamanti u fi kwalsiasi kaz, anke jekk ghandu jitqies bhala malafamanti, dan jikkostitwixxi *fair comment*. Din id-difiza ta’ *fair comment*, ghalkemm kienet kontemplata espressament fil-Kap. 248, ma gietx trasposta fil-ligi l-gdida li sostitwiet l-Att dwar l-iStampa u effettivament ma hijiex prospettata mill-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579). Minflok, l-Att introduca d-difiza tal-“*opinjoni onesta*” fl-Artikolu 4(2), liema difiza hija regolata b’diversi disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 4(2) u huma applikabbli ghaliha kriterji differenti minn dawk li kienu jirregolaw id-difiza tal-kumment gust taht il-Kap. 248. Fi kwalsiasi kaz, anke biex tkun gusta mal-konvenut, il-Qorti sejra tittratta l-eccezzjoni tal-konvenut ta’ *fair comment* bhala difiza ta’ opinjoni onesta a tenur tal-imsemmi Artikolu 4(2) tal-Att.

Din id-difiza tista’ titqajjem biss[6] meta l-persuna aggravata hija persuna pubblika entro t-tifsira moghtija mis-subartikolu (5), u ghas-success tad-difiza jridu jikkonkorru l-kriterji l-ohrajn kollha elenkati fl-Artikolu 4 tal-Att. Bla dubju l-attrici, li tiehu sehem attiv fil-politika, hija persuna pubblika u b’zieda ma’ dan, il-fatti attribwiti lilha fil-*post* tal-konvenut, fejn qabbel lill-attrici fil-Parlament ma’ “*qahba f’xalata*”, jirreferu ghas-sehem taghha fil-politika.

Izda fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm evidentement il-*post* impunjat jista’ jitqies bhala dikjarazzjoni ta’ opinjoni, il-kumplament tal-kriterji ghas-success tad-difiza tal-opinjoni onesta ma gewx sodisfatti. Effettivament, ma gie indikat imkien fil-

[5] **Cumpănă and Mazăre v. Romania**; App. 3348/96, deciz 17 ta’ Dicembru 2004 ECHR.
[6] Subartikolu (3) tal-Artikolu 4.

post tal-konvenut ghaliex l-imgieba tal-attrici fil-Parlament kellu jitqies bhala imgieba ta' "*qahba f'xalata*", u lanqas saret referenza, wisq anqas ingiebet prova, ghal imqar episodju partikolari wiehed jew iktar fejn l-agir tal-attrici fil-Parlament seta' jigi mxebbah ma' komportament ta' "*qahba f'xalata*".

Barra minn hekk, il-mod kif l-attrici setghet agixxiet fil-passat fuq pjattaformi ohrajn, ma huwiex, fil-fehma tal-Qorti relevanti ghall-finijiet ta' din id-difiza ghaliex il-kumment sar specifikatament b'referenza **ghall-komportament tal-attrici fil-Parlament**, u l-ligi fis-subinciz (b) tal-Artikolu 4(2) tesigi illi d-dikjarazzjoni impunjata tindika, f'termini generali jew specifici, il-bazi tal-opinjoni - haga li ma saritx f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant id-difiza tal-opinjoni onesta riferibbilment ghall-fehma li l-attrici fil-Parlament "*qiesha qahba f'xalata*" ma tistax tirnexxi.

Ikkunsidrat;

Illi madanakollu, anke minghajr qies tal-eccezzjoni tal-kumment gust sollevata mill-konvenuti, il-Qorti ma taqbilx illi l-kumment in kwistjoni huwa malafamanti fil-konfront tal-attrici. Tibda billi tosserva illi d-deskrizzjoni in kwistjoni saret b'rabta tal-mod kif l-attrici, li hija persuna pubblika b'sehem attiv fil-politika, tikkonduci ruhha fil-Parlament. Il-punt ta' tluq huwa dejjem illi persuna pubblika ghandha taccetta margini ferm iktar wiesa' ta' kritika milli individwu privat, anke fejn jidhlu kummenti li jistghu jitqiesu bhala offensivi.

Fid-decizjoni fil-kaz ta' **Éditions Plon v. Franza**[7], intqal hekk:-

*"42. ... Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2, it is applicable not only to 'information' or 'ideas' that are favourably received or regarded as inoffensive*

[7] 18 ta' Mejju 2004, App. No. 58184/00 ECHR.

*or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no 'democratic society'. As set forth in Article 10, this freedom is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly.*

Imbaghad, fid-decizjoni tal-istess Qorti fil-kaz ta' **Feldek v. Slovakia**[8], gie ritenut:-

"*74. The Court further recalls that there is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see Sürek v. Turkey (no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61,ECHR 1999-IV). Moreover, the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his words and deeds by journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance (see Lingens v. Austria, judgment of 8 July 1986, Series A no. 103, p. 26, § 42, or Incal v. Turkey, judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, p. 1567, § 54).*"

Ir-referenza ghall-attrici bhala "*qahba f'xalata*" fil-Parlament, fil-fehma tal-Qorti ghandha titqies iktar bhala turija ta' diskortesija da parti tal-konvenut Leone Ganado - li evidentement uza kliem pjuttost offensiv biex jiddeskrivi l-mod kif tagixxi l-attrici fil-Parlament - milli bhala attakk fuq l-istandards morali tal-attrici. Ghalkemm dan mhux kliem li huwa deziderabbli li jintuza fuq mezzi socjali pubblici biex tigi deskritta l-kondotta ta' persuna ohra, *multo magis* membru tal-oghla istituzzjoni tal-pajjiz, din l-imputazzjoni, fl-aghar ipotesi, tammonta ghal ksur tal-*etiquette* konvenzjonali izda mhux ghal malafama.

Huwa minnu, kif stabbilit, li fl-istqarrija in kwistjoni ma gietx indikata l-bazi tal-espressjoni tal-opinjoni in dizamina, izda fil-fehma tal-Qorti l-pretensjoni tal-attrici li dan il-kumment huwa diffamatorju ifalli f'kull kaz il-kriterju impost mill-Artikolu 3(4) tal-Att. Dan jistipola illi **stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba**.

[8] App. No. 29032/95, deciz 12 ta' Lulju 2001 ECHR.

Dan ir-rekwizit ta' hsara serja jew potenzjal ghal hsara serja, introdott ghall-ewwel darba permezz tal-ligi l-gdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruz u impenjattiv ghas-success ta' azzjonijiet ghal malafama, milli dak li kien rikjest taht il-Ligi tal-Istampa (Kap. 248). Dan il-kriterju m'huwiex marbut mal-*quantum* tad-danni likwidabbli f'kaz li l-istqarrija titqies li hija malafamanti, izda huwa relevanti esklussivament sabiex jigi determinat jekk l-istqarrija impunjata ghandhiex titqies bhala diffamatorja jew le ghall-finijiet tal-Att.

Il-Qorti ma taqbilx illi fil-kaz tal-kumment in dizamina, intwera b'mod sodisfacjenti li dan kien ta' xi kalibru li jista' jikkawza hsara serja lir-reputazzjoni tal-attrici. Fl-isfera politika, il-kondotta tal-politikant gewwa l-Parlament fejn id-dibattiti ta' spiss ikunu karatterizzati b'diskors vociferu u xi kultant mossi, tisbit u ghajjat, ftit li xejn tincidi negattivament fuq ir-reputazzjoni politika tal-persuna. Pjuttost, ir-reputazzjoni politika hija kalibrata mill-isforzi tal-politikant li jifhem, jahdem u jirrapprezenta attivament l-interessi tal-grupp politiku jew socjali li jappoggjah. Ghalkemm, kif inghad, l-espressjoni uzata mill-konvenut biex jiddeskrivi l-kondotta tal-attrici li huwa rriskontra fuq l-istazzjoni televiziv li jxandar id-dibattiti parlamentari, kienet ftit jew wisq vulgari, din ma attribwiet l-ebda nuqqas ta' kapacita` jew kompetenza lill-attrici fir-rwol politiku jew professjonali taghha.

B'zieda ma' dan, jirrizulta illi l-imputazzjoni saret fis-sura ta' kumment in segwitu ghal *post* imtella' mill-konvenuta Williams fuq il-pagna tal-Facebook u skambju ta' *post*s bejnha u bejn l-attrici rigward il-materja tal-kumpannija bl-isem '17 Black'. Dan il-kumment sar mhux minn gurnalist, minn espert fil-qasam politiku jew minn xi persuna maghrufa, izda mill-konvenut li huwa persuna ordinarja, fil-*comments section* tal-pagna relattiva, fost serje ta' kummenti ohrajn u mhux, per ezempju, fuq gazzetta lokali jew b'xi prominenza fuq xi xandir televiziv.

Inoltre huwa pjuttost evidenti mill-fatt li l-kliem impunjat gie mqieghed f'parentesi, illi d-deskrizzjoni tal-attrici sa dak l-istadju kienet qed issir b'mod deskrittiv u idjomatiku b'referenza limitatament ghall-kondotta tal-attrici fl-ambitu tal-Parlament. Fil-fehma tal-Qorti, ma hemm ebda indikazzjoni illi l-kumment kien intiz jew li mqar kien kapaci potenzjalment jipperswadi lill-qarrej ordinarju jemmen illi l-kumment jirrefletti xi realta` partikolari dwar l-attrici.

Skont il-Gatley:-

"*Whether the threshold of seriousness has been met is a multi-factorial issue .... that will require the court to consider matters such as the nature and inherent gravity of the allegation, whether the publication was oral or written, the status and number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed and the transcience of the publication.*"[9]

Mimzumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha maghmula fir-rigward, il-Qorti tqis illi huwa mankanti l-element ta' hsara serja lir-reputazzjoni tal-attrici u kwindi l-azzjoni ta' libell tfalli riferibbilment ghal dan l-ewwel kumment.

- "***Bil-Malti nghidu QAHBA***"

Kwantu ghall-*post* "*Bil-Malti nghidu QAHBA*", ukoll gie eccepit illi dan m'huwiex malafamanti u illi fi kwalsiasi kaz, jikkostitwixxi "*fair comment*". Il-konvenuti jikkontendu ulterjorment illi l-kelma "*qahba*" ma ntuzatx biex tiddeskrivi lill-attrici bhala prostituta, izda biex tfisser ahjar il-kelma "*playgirl*" li giet attribwita lill-attrici minn terza persuna f'*post* precedenti. Isostnu illi kellu jkun evidenti anke lill-qarrej ordinarju illi dik il-kelma kienet qed taghti tifsira lill-kelma "*playgirl*", u kieku l-intenzjoni kienet li l-attrici tissejjah "*qahba*", is-sentenza kienet tigi kostruwita b'mod differenti.

[9] Gatley on Libel and Slander [2013], 2.4, pg. 39.

Ghalkemm dan jista' jkun minnu, il-Qorti ma tarax kif din l-ispjegazzjoni tista' tkun ta' fejda ghall-konvenuti. Galadarba jirrizulta li terza persuna ddeskriviet lill-attrici bhala "*playgirl*" u l-konvenut b'referenza ghal dak il-*post* - li kjarament sar b'referenza ghall-attrici - jghid illi bil-Malti "*playgirl*" nghiduha "*qahba*", ghall-Qorti huwa wisq ovvju illi b'dik l-istqarrija l-konvenut mhux talli ma meriex id-deskrizzjoni tal-attrici bhala "*playgirl*" u assocja ruhu maghha. Talli ghamilha car illi t-tikketta korretta li ghandha tinghata lil min huwa "*playgirl*", fosthom u b'mod specifiku lill-attrici, hija dik ta' "*QAHBA*".

Fil-fehma tal-Qorti, il-kelma "*qahba*" fil-*post* in dizamina, ghalkemm hu minnu li tista' tinftiehem minn ezami iktar approfondit tal-kostruzzjoni tas-sentenza, li qieghda taghti tifsira bil-Malti lill-kelma "*playgirl*", **intuzat specifikatament sabiex tiddeskrivi lill-attrici**, li wara kollox hija s-soggett passiv ta' dan l-iskambju. **Kemm hu hekk, il-kelma impunjata nkitbet kollha kemm hi b'ittri kbar u dan evidentement biex jigi eliminat kemm jista' jkun kull ekwivoku dwar dak li l-konvenut ried ifisser bid-dikjarazzjoni tieghu**. Il-Qorti, bhal kull qarrej ordinarju, minnufih tara u tifhem ir-rabta manifesta bejn il-kelma qahba u l-attrici.

Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li dak li kellu f'mohhu l-konvenut meta kiteb din l-istqarrija u tellaghha fuq il-pagna tal-midja socjali tal-konvenuta l-ohra, ma huwiex relevanti sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarriija hijiex malafamanti jew le, bhalma hija ta' ebda siwi lanqas, id-dikjarazzjoni li ma kienx l-intendiment tieghu li jfisser li l-attrici hija prostituta fis-sens ordinarju tal-kelma. Huwa ovvju ghal min jaqra l-*post*s konsekuttivi a fol. 4 u 5 tal-atti, illi l-kelma "*qahba*" hija allaccjabbli direttament mal-attrici li kienet ghadha kif giet deksritta bhala "*playgirl*", u dan irrispettivament minn dak li kellu f'mohhu u x'ried ifisser il-konvenut. Il-qarrej ordinarju specjalment il-qarrej ta' *post*s li jittellghu botta u risposta fuq pagni ta' midja socjali, zgur ma joqghodx ifittex id-definizzjoni lingwistika korretta tal-kelma jew jipprova jidhol f'mohh l-awtur biex jifhem

x'ried verament ifisser, izda jislet il-kuntest mill-isfond tal-iskambju ta' kummenti li, f'dan il-kaz, evidentement kien jittratta esklussivament lill-attrici.

B'zieda ma' dan, jigi osservat illi fil-*post* in kwistjoni il-konvenut ma ghamilx referenza ghad-definizzjoni tal-kelma "*qahba*" kif moghtija fid-dizzjunarju jew fid-dizzjunarju partikolari li iccita minnu fix-xhieda tieghu u f'kull kaz, il-Qorti tqis illi d-definizzjoni tal-kelma li tinsab fid-dizzjunarju m'hijiex necessarjament il-konnotazzjoni immedjata li titnissel bl-uzu tal-kelma kollokalment.

Jinghad illi t-tifsira tal-kliem hija kwistjoni ta' fatt, izda f'kull kaz huwa mholli lill-gudikant biex jiddetermina jekk il-kliem uzat huwa kapaci, ragjonevolment, illi jwassal it-tifsira vantat mill-attur u jekk, f'kaz affermattiv, dik it-tifsira hijiex kapaci li titqies skont il-ligi bhala diffamatorja. Effettivament f'kaz fejn il-kliem uzat fid-dikjarazzjoni impunjata jista' jaghti lok ghall-interpretazzjoni li qed issir imputazzjoni fil-konfront tal-persuna malafamata, jinghad illi:-

"*... the question will be whether it is reasonably capable of conveying that imputation. Logically anterior, therefore, to the question of whether the words are capable of being defamatory in law, is the question of what meaning the word or words are reasonably capable of bearing.*"[10]

Illi fil-gabra ta' dan kollu, il-Qorti tqis ukoll li huwa pjuttost pwerili l-konvenut meta waqt ix-xhieda tieghu, jipprova jaghti kuntest politiku lill-istqarrija tieghu b'referenza ghall-impenn politiku li wriet l-attrici favur ir-regolarizzazzjoni ta' *inter alia* l-prostituzzjoni. Anke jekk dan huwa minnu, huwa daqstant ovvju li din l-inizzjattiva politika zgur li ma kienetx qed tigi diskussa fil-*post*s li kienu qed jittellghu dak il-hin fuq il-pagna tal-midja socjali tal-konvenuta Williams. Ghalkemm jirrizulta illi ftit iktar qabel, il-konvenut Leone Ganado tella' *post* relatat direttament mas-suggett ta' prostituzzjoni politika[11], dan is-soggett kien evidentement svolga f'wiehed marbut <u>direttament</u> mal-laqam "*Nuxellina*" uzat

[10] Gatley, *supra*, p. 113.

[11] *"… well she may perhaps flirt in Parliament to justify a ministerial post or an an heir to the title of Lady Egrant."* – fol. 3.

mill-attrici u d-deskrizzjoni taghha bhala "*playgirl*", liema soggett ma ghandu x'jaqsam xejn mal-prostituzzjoni politika kif imfissra mill-konvenut fix-xhieda tieghu.

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti jeccepixxu illi l-istqarrija in kwistjoni ghandha titqies bhala *a fair comment* tenut kont tal-imgieba tal-attrici. Kif diga` nghad b'referenza ghall-*post* precedenti tal-konvenut[12], l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-imputazzjoni ta' "*qahba*" tikkostitwixxi "*fair comment*", trid tigi mistharrga fil-qafas tad-difiza kontemplata fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 4(2) tal-Att li tehtieg fost ohrajn illi id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hija dikjarazzjoni ta' opinjoni.

Il-Qorti taqbel illi l-*post* hija dikjarazzjoni tal-opinjoni tal-konvenut dwar il-kondotta tal-attrici[13], liema kondotta l-konvenut evidentement jassocjaha mal-kondotta ta' prostituta[14]. Inoltre, fis-subinciz (b) tal-Artikolu 4(2), l-Att jesigi illi d-dikjarazzjoni impunjata tindika, f'termini generali jew specifici, il-bazi tal-opinjoni. F'dan il-kaz, il-bazi tal-opinjoni giet debitament indikata, ghaliex huwa car li din l-opinjoni saret abbazi jew b'referenza ghall-*post* precedenti "*playgirl Nuxellina*".

B'zieda ma' dan, l-attrici hija persuna pubblika b'kariga politika, u konsegwentement id-difiza sollevata mill-konvenut hija f'lokha. Dan ifisser ukoll illi bhala persuna pubblika, l-attrici ghandha taccetta parametri ferm iktar wiesa' ta' skrutinju u kritika minn dawk li ghandhom jigu tollerati minn persuni privati.

---

[12] *"U fil-Parlament qisha 'qahba f'xalata'"*.
[13] M'hemmx dubju u kif inghad diga`, m'huwiex kontestat illi l-post in kwistjoni u dawk precedenti relatati direttament mieghu, jirreferi ghall-attrici.
[14] Ara fir-rigward, id-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz **Cumpana and Mazare v. Romania**, *supra*.

Madanakollu, hawnhekk il-Qorti thoss li ghandha taghmel parentesi ghaliex ghalkemm l-attrici hija persuna politika ghall-finijiet tad-difiza tal-opinjoni onesta, ma jirrizultax mill-provi prodotti illi l-imputazzjoni li ghamel il-konvenut tirreferi ghat-twettiq tal-funzjonijiet pubblici tal-attrici, jew ghall-kondotta taghha fuq livell politiku. Kif rajna, l-imputazzjoni saret b'risposta ghal, u fil-kuntest ta' *post*s li kienu qed jirreferu ghall-attrici kif maghrufa bl-isem "Nuxellina" u ghad-deskrizzjoni taghha bhala "*playgirl*", kif del resto ammess mill-konvenuti fir-Risposta taghhom.

Il-Qorti m'hijiex konvinta bl-argoment li ghamel il-konvenut waqt ix-xhieda tieghu, fejn qal li l-imputazzjoni in dizamina saret b'referenza ghar-rwol politiku taghha bhala attivista tad-drittijiet ta' nisa vulnerabbli fosthom prostituti, ghaliex huwa ovvju illi l-imputazzjoni in dizamina ma saritx b'referenza ghall-mod kif l-attrici twettaq il-funzjonijiet politici taghha.

Stabbilit dan, u stabbilit ukoll illi l-imputazzjoni lill-attrici li saret permezz tal-*post* in dizamina tikkostitwixxi espressjoni ta' opinjoni, il-Qorti ghandha tiddetermina jekk humiex sodisfatti r-rekwiziti l-ohrajn tal-Artikoli 4(2) tal-Att, cioe` jekk riferibbilment ghall-*post* dwar il-playgirl Nuxellina, persuna onesta setghetx ikollha l-opinjoni li l-attrici timmerita d-deskrizzjoni ta' "*qahba*".

Ghal dan il-ghan, il-Qorti sejra tgharbel il-provi prodotti mill-konvenuti.

Ikkunsidrat;

Fix-xhieda tieghu, il-konvenut Leone Ganado qal illi ghalkemm ma kienx hu illi tella' l-*post* b'referenza ghal "*playgirl Nuxellina*"[15], huwa jaf illi l-attrici stess kienet irriklamat is-servizzi taghha bhala *hostess* taht dan l-isem fuq is-sit elettroniku giovani.it. Kif rajna, ir-referenza ghal "*playgirl Nuxellina*" hija l-bazi tad-dikajrazzjoni impunjata.

[15] Effettivament dan il-post ittella' minn certu Robert Busuttil.

Il-Qorti ezaminat id-dokumenti esebiti mill-konvenuti, u jirrizulta illi effettivament, l-attrici kienet diversi snin qabel, irriklamat lilha nnifisha fuq sit elettroniku jismu giovani.it u dan taht l-isem "*Nuxellina*" u offriet servizzi ta' "*hostess*". Dan jirrizulta minn pubblikazzjoni li kienet saret fil-blog ta' Daphne Caruana Galizia bit-titolu "*Nuxellina the Hostess: Labour's new Qormi Mayor*"[16].

Ir-referenza ghall-attrici bhala Nuxellina jirrizulta wkoll minn kopja stampata tas-sit http://gallery.giovani.it/utente/immagini. Ghalkemm il-konvenut Leone Ganado xehed illi dan is-sit elettroniku fih diversi ritratti ta' nisa prattikament gharwenin, il-Qorti ma rriskontrat ebda materjal ta' din ix-xorta la fuq dan is-sit u lanqas fid-dokumenti esebiti fl-atti. Effettivament kif qalet l-attrici, jidher li s-sit huwa wiehed b'kontenut u skop principalment edukattiv immirat ghall-uzu minn studenti Taljani ta' livelli varji. Huwa minnu illi fost id-dokumenti esebiti mill-konvenut[17] jirrizulta li s-sit foto.giovani.it fih xi ritratti suggestivi ta' persuni li jidher li bosta minnhom huma personalitajiet maghrufa, izda l-Qorti ma rriskontrat l-ebda ritratt tal-attrici fuq dan id-dokument u lanqas fuq is-sit in kwisjtoni[18].

Kwantu ghall-kelma "*hostess*", huwa minnu illi fid-dokumenti esebiti[19] huwa indikat li l-attrici kienet irreklamat is-servizzi ta' ghalliema tat-Taljan u li hija disponibbli bhala *hostess*. Izda fil-fehma tal-Qorti dan ma jfissirx li l-attrici kienet qed tirreklama xi servizz ta' "*call-girl*". F'kull kaz, is-sit huwa wiehed Taljan fejn il-kelma *hostess* ghandha tifsira ferm differenti minn dak li qed jipprova jpingi l-konvenut[20]. Fil-fehma tal-Qorti, l-uzu ta' din il-kelma

---

[16] Datat 12 Marzu 2012

[17] Rikors Nru. 300/18 - Pakkett A (Dok. 299/02), nota tat-30 ta' Ottubru 2019.

[18] Jinghad ukoll illi ghalkemm minn Dok. 299/03 (Pakkett A) jirrizulta illi huwa minnu li l-attrici kienet tellghet diversi ritratti fuq dan l-istess sit bejn Marzu u Lulju 2012, dawn ir-ritratti kienu tnehhew u ma ghadhomx accessibbli u di pju`, ma hemm ebda prova dwar dak li kien muri f'dawn ir-ritratti.

[19] Senjatament Dok. 299/01 – Pakkett A – blog ta' Daphne Caruana Galizia tat-12 ta' Marzu 2012.

[20] Dan gie anke rikonoxxut minn Daphne Caurana Galizia stess fuq il-blog taghha tat-12 ta' Marzu 2012 (Dok. 299/01 – Pakkett A.)

m'huwiex sufficjenti sabiex jipprovdi bazi fattwali soda ghall-imputazzjoni li saret lill-attrici bl-uzu tal-kelma "*qahba*", liema kelma tohloq implikazzjonijiet ferm iktar dizonorabbli u ta' telf ta' gieh, mill-uzu tas-semplici kelma *hostess* fuq sit edukattiv Taljan. Fuq kollox, l-attrici meta xehdet in kontro-ezami, cahdet illi hija qatt irreklamat lilha nnifisha jew lil gisimha ghal xi servizzi ta' *hostess*[21].

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti pproducew ukoll pubblikazzjoni ohra li saret fuq il-blog ta' Daphne Caruana Galizia fil-5 ta' Dicembru 2013, fejn saret referenza ghall-profil tal-attrici fuq network socjali bl-isem badoo.com. Huwa ovvju illi dan is-sit, apparti li huwa wiehed socjali, huwa intiz bhala *dating network* u jirrizulta li l-attrici kienet tellghet diversi ritratti taghha fuq dan is-sit, oltre li wriet li hija disponibbli biex tiltaqa' ma' persuni u taghmel hbieb godda.

Il-Qorti rat l-atti kollha l-ohra, inkluz ir-ritratt tal-attrici Dok. RW2 u ma riskontrat l-ebda ritratt fost dawk kollha in atti, li jaghti x'jifhem li l-attrici offriet xi servizzi ta' prostituzzjoni jew agixxiet b'kondotta morali simili ghal dik ta' prostituta. Huwa minnu illi uhud mir-ritratti juru lill-attrici tippoza u anke tizfen, izda ma hemm xejn li jimmerita l-espressjoni uzata mill-konvenut fil-konfront taghha. Fis-socjeta` tal-lum fejn l-uzu tas-siti elettronici socjali bhala pjattaforma u mezz ta' komunikazzjoni, huwa prattikament *modus vivendi*, huwa ftit spjegabbli kif fis-sena 2018, l-attrici tista' tigi deskritta bhala "qahba" ghaliex diversi snin qabel, fl-2012 jew 2013, kellha profil fuq sit socjali u edukattiv fejn kienet ittellghet diversi ritratti taghha nnifisha, u ritratti ohrajn li jidher li hadd ma jaf x'jirrapprezentaw. **Ma tressqet ebda prova ohra illi l-attrici, fiz-zmien tal-kumment in dizamina, agixxiet b'kondotta morali baxxa jew li kkonduciet ruhha b'manjiera indecenti fuq livell sesswali tant li l-Qorti tista' tkun sodisfatta li persuna onesta setghet ikollha l-istess opinjoni bhal dik espressa mill-konvenut**.

[21] Xhieda tat-23 ta' Mejju 2019 – fol. 51.

Lanqas jistghu l-kummenti u insinwazzjonijiet ohrajn ta' terzi persuni fuq blogs jew siti tal-midja socjali dwar il-komportament in generali tal-attrici[22], iservu biex jikkonvincu lill-Qorti li dawn huma l-opinjonijiet ta' persuni onesti, ghaliex huwa evidenti li l-kritika ta' bosta minn dawk il-persuni li ghamlu innuendos dwar il-kondotta morali tal-attrici, saret fil-qafas ta' politika parteggjana. Il-Qorti wara li rat il-kummenti li kienu saru b'rabta mal-blog ta' Daphne Caruana Galizia tal-5 ta' Dicembru 2013 (Doc. 299/04), tqis illi dawk il-kummenti[23] li fihom innuendo ta' kondotta morali baxxa, m'humiex kummenti li saru b'serjeta` li jistghu jitqiesu bhala l-opinjoni onesta tal-persuni li ghamlu dawn il-kummenti.

Ghall-kuntrarju, hija l-opinjoni espressa minn certu Sue Borg li tikkattura, fil-fehma tal-Qorti, l-essenza tal-opinjoni ta' persuna onesta li tigi rinfaccjata bil-materjal pubblikat dwar l-attrici fil-blog in kwistjoni:-

"*Kulhadd kellu hajja qabel ma gradwa jew dahal fil-politika. Sincerament ma nistax nifhem what's the big deal, tfajla bhal hafna tfajliet ohrajn li thobb tohrog ma shabha. Mhux qed nara ritratti dizonesti, aktar nahseb qed timmaginaw dak li tixtiequ taraw.*"[24]

Kwantu, imbaghad, ghall-kummenti fl-istess blog fuq imsemmi, li jattribwixxu lill-attrici komportament etiku socjali mhux xieraq[25], huwa minnu li dawn l-opinjonijiet gew manifestati b'ton inqas umoristiku, izda fl-istess waqt dawn ma jattribwixxux lill-attrici l-istess livell ta' stmerrija li hija mfissra bl-espressjoni "*qahba*" uzata mill-konvenut. Wara kollox, dan it-terminu jitqies fost l-iktar termini dispreggjattivi li jistghu jintuzaw fil-konfront ta' mara.

Konsegwentement il-Qorti tqis illi d-dikjarazzjoni tal-konvenut ma tikkwalifikax bhala opinjoni onesta, ghaliex ma intweriex sodisfacjentement mill-provi

[22] Ara fost ohrajn, Dok. 299/04, 299/06 u 299/07 – Pakkett A.
[23] Pagna 3 tad-dokument.
[24] L-ahhar pagna, pagna 4 *tergo* ta' Doc. 299/04 – Pakkett A.
[25] Ara pagna 4 u *tergo* (l-ahhar pagna) ta' Doc. 299/04 – Pakkett A.

akkwiziti, illi persuna onesta setghet ikollha dik l-opinjoni abbazi ta' xi fatt li ezista fiz-zmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment, giet ippubblikata. Din l-eccezzjoni qieghda tigi ghalhekk, respinta.

Ikkunsidrat;

Ghall-fini li jigi stabbilit jekk f'dan il-kaz intlahaqx it-*threshold* ta' hsara serja jew il-possibbilita` ta' hsara serja lir-reputazzjoni tal-attrici ai termini tal-Artikolu 3(4) tal-Att, il-Qorti tqis illi d-deskrizzjoni ta' persuna, tkun min tkun, bl-uzu tal-kelma "*qahba*", hija kapaci li timpingi fuq l-integrita` tar-reputazzjoni ta' dik il-persuna, f'dan il-kaz tal-attrici. Anke f'socjeta` liberali bhalma hija s-socjeta` moderna Maltija, fejn qed isir spunt anke mill-kamp politiku li tifforma parti minnu l-attrici, ghar-regolarizzazzjoni ta' attivitajiet li fil-prezent huma illegali, fosthom il-prostituzzjoni, il-prostituzzjoni ghadha kkunsidrata bhala attivita` illegali u ta' misthija. Ghalhekk, imputazzjoni bhal din inevitabbilment twaqqa' l-gieh u r-reputazzjoni tas-soggett passiv ghaliex timplika li l-attrici hija persuna ta' kondotta morali baxxa[26].

Hawnhekk il-Qorti ghandha tqis ukoll illi l-attrici hija persuna pubblika u fiz-zmien tad-dikjarazzjonijiet impunjati f'din il-kawza kienet u ghadha tokkupa kariga politika bhala Deputat Parlamentari. Izda kif gia` stabbilit, id-dikjarazzjoni impunjata **tikkoncerna lill-attrici fil-kapacita` personali u mhux professjonali jew politika taghha, u ghaldaqstant ma ghandux jigi permess dak il-kejl ta' esagerazzjoni jew provokazzjoni li huwa generalment koncess fil-qafas tal- gurnalisizmu serju**[27].

Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kaz ta' **Lachaux v. Independent Print Limited** [2017][28]:-

[26] Ara in propositu, id-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Pfeifer v. Austria**[26], deciza 15 ta' Frar 2008.
[27] Ara fir-rigward: **Petrina v. Romania**, deciza mill-Qorti Ewropeja fl-14 ta' Ottubru 2018.
[28] EWHC Civ. 1334; [2018] E.M.L.R.1.

"*If the imputation of the words used is serious, carrying with it the inference that serious reputational harm has been or is likely to be caused, then it is in my view not right for a claimant then to have to carry a further burden, at an interlocutory stage, of adducing further evidence to prove serious harm …*"

In propositu, intqal ukoll hekk:-

"*Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harm for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause others to shun the claimant, or that the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation*."[29]

Fil-kaz tal-*post* in dizamina, il-Qorti ma taqbilx illi l-espressjoni uzata mill-konvenut tista' titqies bhala diskors normali jew semplici diskortesija ta' import negligibbli. **Inoltre huwa ovvju li l-espressjoni giet imfassla b'mod skjett bl-enfasi mizjuda intiza biex twassal messagg car u dirett**. Il-Qorti tqis illi l-espressjoni uzata fiha l-propensita` minnha nnifisha li jkollha l-effett li tnaqqas il-kunfidenza jew il-fiducja tan-nies fl-attrici, u li tiskreditaha fil-funzjoni pubblika taghha. Dan meta l-kariga pubblika tal-attrici tesigi certu grad ta' serjeta`. Huwa ovvju li bhala attakk fuq l-istandards morali tal-attrici, l-espressjoni ta' din l-opinjoni hija kapaci wkoll li twassal ghal certu element ta' stmerrija fil-konfont taghha.

Ghaldaqstant, it-*threshold* stabbilit mil-Artikolu 3(4) tal-Att, huwa sodisfatt.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-konvenuta l-ohra Williams, l-attrici indirizzat l-azzjoni ghall-malafama fil-konfront taghha fuq il-kawzali illi bhala l-persuna responsabbli ghall-kontenut tal-pagna tal-Facebook taghha stess, hija mmalafamat lill-attrici jew ippermettiet illi tigi malafamata.

[29] Gatley On Libel and Slander, Twelfth Ed. [2013] 2.6, pg. 41.

Kwantu ghall-allegazzjoni li l-konvenuta Williams immalafamat lill-attrici hija stess, l-attrici xehdet[30] illi l-konvenuta mhux talli ttollerat li jsir diskors diffamatorju fil-konfront taghha fuq il-pagna tal-Facebook taghha, talli qablet espressament ma' dan id-diskors. Il-konvenuta da parti taghha tichad kategorikament illi hija ssenjalat "*like*" ghal xi *post*s imtellghin fuq il-pagna taghha ta' Facebook, ghajr li wiegbet lil certu Robert Busuttil meta staqsa jekk l-attrici hijiex il-"*playgirl nuxellina*", u qaltlu "*qed tghid sew*".

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-konvenuta ma tistax titqies illi hija mmalafamat lill-attrici ghaliex qablet espressament ma' *post* imtella' fuq il-pagna tal-midja socjali taghha, liema *post* lanqas gie mitkub jew imtella' minn wiehed mill-persuni mharrkin f'din il-kawza. Jekk l-attrici hasset ruhha malafamata ghaliex xi hadd irrefera ghaliha bhala "*playgirl nuxellina*" u l-konvenuta qablet ma' dik il-persuna, il-Qorti tqis illi kellha tindirizza l-azzjoni ta' libell fil-konfront ta' dak l-awtur u mhux biss fil-konfront tal-konvenuta biss ghaliex hija affermat il-korrettezza ta' dik l-imputazzjoni.

Il-Qorti diga` stabbiliet illi kienet l-attrici nnifisha illi uzat l-isem jew il-laqam "*Nuxellina*" fil-profil taghha fuq is-sit elettroniku giovani.it jew studenti.it u dan mhuwiex kontestat mill-attrici[31], oltre li dan jirrizulta mid-dokumenti esebiti mill-konvenuti. Li l-attrici tissejjah b'dan l-isem, cioe` "Nuxellina", ma jistax ghalhekk jitqies li huwa diffamatorju. Lanqas id-deskrizzjoni tal-attrici bhala "*playgirl* Nuxellina" ma jista' jitqies li jeccedi l-limiti ta' espressjoni jew kritika accettabbli. Huwa ovvju illi wiehed itella' ritratti tieghu nnifsu fuq pjattaforma pubblika bl-iskop illi jidher u jigbed l-attenzjoni tal-pubbliku, liema attenzjoni madanakollu, mhijiex dejjem u necessarjament dik desiderata. Konsegwentement, il-fatt illi wiehed ikun qieghed volontarjament itella' ritratti tieghu nnifsu f'certu pozi, konxju tal-iskrutinju tal-pubbliku u tal-kummenti li

[30] Xhieda 7 ta' Marzu 2019, fol. 30 *et seq*.
[31] Ara xhieda tal-attrici 23 ta' Mejju 2019, fol. 38 u 39.

inevitabbilment dawn ir-ritratti sejrin iqanqlu negattivi kif ukoll pozittivi, ifisser illi dik il-persuna ghandha taccetta kritika negattiva u ghandha tittollera espressjonijiet ta' opinjoni anke dawk li xi kultant iniggzu - ghalkemm kull kritika, kif rajna, ghandha l-limiti taghha.

Mizmum ferm il-premess, il-Qorti tqis li d-deskrizzjoni ta' "*playgirl nuxellina*" ma tistax titqies li teccedi l-limiti ta' espressjoni accettabbli fis-socjeta` tal-lum u ghaldaqstant, m'hijiex ingusta jew diffamatorja fil-konfront tal-attrici. Wisq anqas, ghalhekk, tista' tkun malafamanti r-risposta affermattiva tal-konvenuta Williams ghall-mistoqsija ta' Robert Busuttil fejn huwa staqsa jekk l-attrici hijiex il-*playgirl Nuxellina*, kienetx jew le rhetorika jew sarkasitka din il-mistoqsija.

Jifdal ghalhekk li tigi trattata l-kwistjoni tar-responsabbilita` tal-konvenuta Williams li, bhala l-persuna li hija responsabbli ghall-kontenut tal-Facebook page taghha, ippermettiet li l-attrici tigi malafamata bil-post imtella' mill-konvenut l-iehor Godfrey Leone Ganado[32].

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti jikkontendu illi l-*post* malafamanti ma nkitibx mill-konvenuta Williams u ma indikat l-ebda qbil jew le mal-istess. Jichdu wkoll illi persuna li jkollha pagna fuq midja socjali, ghandha ggorr ir-responsabbilita` ghal xi stqarrija malafamanti li tittella' fuq din il-pagna minn terzi persuni.

Il-Qorti tibda billi tosserva li l-attrici ma ressqitx prova tajba li turi li l-konvenuta Williams qablet espressament mal-*post* imtella' mill-konvenut l-iehor mertu ta' din il-kawza[33], liema *post* gie deciz li huwa malafamanti ("*Bil-Malti nghidu QAHBA*"). Il-konvenuta Williams ma kitbitx dan il-*post*. Ma giex ippruvat

[32] *"Bil-Malti nghidu QAHBA".*

[33] Ara wkoll xhieda tal-konvenuta in kontro-ezami, 16 ta' Ottubru 2019.

lanqas illi hija kitbet il-*post* flimkien mal-konvenut l-iehor jew li dawn il-*post*s jinkitbu fuq struzzjonijiet taghha biex jittellghu fuq il-pagna tal-Facebook taghha.

L-abbli difensur tal-konvenuti waqt it-trattazzjoni, issottometta illi l-konvenuta Williams giet mharrka hazin ghaliex galadarba m'hijiex l-awtur tal-*post*s diffamatorji, l-azzjoni ta' libel, skont il-Kap. 579, setghet tigi esperita biss kontra l-editur jew il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni. Gie sottomess ukoll illi l-konvenuta Williams ma tistax titqies bhala l-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni ghaliex dan huwa definit mill-Att bhala persuna li tkun sid jew tikkontrolla impriża li tippubblika midja miktuba u evidentement, il-konvenuta mhijiex is-sid jew l-operatur tal-Facebook u ma ghandha l-ebda kontroll fuq din l-impriza.

Skont l-Artikolu 3(3) tal-Att:-

*3(3) L-azzjoni ċivili għal malafama taħt dan l-Att dwar kull ħaġa ppubblikata fil-midja tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin: (a) l-awtur, jekk huwa jkun ipproduċa x-xogħol sabiex jiġi ppubblikat, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk; (b) l-editur, jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu faċilment identifikati, (ċ) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni:*

Il-Qorti taqbel illi sa certu punt, il-konvenuta Williams ma hijiex, skont id-dicitura tal-Att, il-persuna li hija responsabbli ghall-pubblikazzjoni skont id-definizzjoni moghtija fl-Att, ghaliex kif rajna ma hijiex is-sid jew l-operatur tal-**impriza** li tippubblika midja miktuba.

Madanakollu, tqis illi l-attrici hija persuna li evidentement ghandha kontroll fuq il-kontenut tal-pagna tal-midja socjali taghha stess, peress illi ghandha s-setgha li tiddeciedi liema *post*s, sija dawk ppubblikati minnha u sija dawk pubblikati minn terzi persuni fuq il-pagna taghha, ghandhom jibqghu ppublikati u dawk li ghandhom jithassru. Dan jirrizulta mix-xhieda taghha stess in kontro-ezami fejn il-konvenuta affermat li hija baqghet ma hassritx minn fuq il-pagna tal-Facebook

taghha il-*post*s ippubblikati mill-konvenut Leone Ganado mertu ta' din il-kawza[34].

Ghalkemm il-konvenuta Williams ma hijiex l-awtur tal-pubblikazzjoni malafamanti, jirrizulta illi hija ppermettiet u implicitament tat il-kunsens taghha sabiex dan il-*post* jibqa' hekk ippubblikat fuq il-pagna taghha tal-midja socjali[35] li, kif stabbilit, tinsab taht il-kontroll taghha talanqas kwantu l-kontenut tieghu. Ghalkemm dan il-fatt *ut sic* ma jistax iwasssal, legalment, sabiex il-konvenuta Williams titqies bhala l-awtrici ghall-finijiet tal-Artikolu 3, **il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuta tista' titqies bhala l-editur kwantu kif affermat hija stess, ghandha l-kontroll tal-kontenut tal-midja miktuba ippubblikata fuq il-pagna minnha amministrata**, inkluz il-pubblikazzjoni tal-*post*s li jittellghu minn terzi fuq il-pagna tal-midja socjali taghha[36].

Collins[37] huwa tal-istess fehma:-

"*Where defamatory material is posted online, such that it is capable of being downloaded and read at different points of time, persons with the ability to remove the posting may therefore in some circumstances become editors of it, even though they may have played no role in the commissioning, preparation, or original decision to publish it, if it can be said that, by not removing the statement, they have assumed editorial or equivalent responsibility for the decision to continue to publish the statement.*"

Din il-konkluzjoni hija msahha bid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 12 tal-Att [Kap. 579], li jipprovdi hekk:-

[34] Xhieda 16 ta' Ottubru 2019, fol. 73.
[35] Din il-pagna socjali taghha tinkwadra sfiq, ghall-finijiet tal-Att, fid-definizzjoni ta' "*midja miktuba*", ghaliex din il-pagna hija bla dubju, pjattaforma elettronika *on-line* fejn jigu mxerrda espressjonijiet u informazzjoni.
[36] "*Editur*" huwa definit *inter alia* bhala l-persuna li, fost ohrajn, tkun responsabbli ghall-kontroll tal-kontenut ta' xi midja.
[37] *Collins on Defamation* [2014], 2.35, p. 33.

**12.** *(1) Dan l-artikolu japplika fejn każ ta' malafama jinbeda kontra l-editur ta' sit elettroniku fir-rigward ta' dikjarazzjoni li tkun ġiet ippubblikata fuq is-sit elettroniku.*
*(2) Hija difiża għall-mitigazzjoni ta' danni għall-editur li juri li ma kienx l-operatur jew il-persuna li ppubblikat id-dikjarazzjoni fuq is-sit elettroniku.*

Galadarba l-ligi tipprovdi bhala difiza lill-editur - li fl-Att innifsu huwa definit bhala "*il-persuna li tkun responsabbli ghall-kontroll editorjali jew tal-kontenut ta' xi midja*" - li juri li ma kienx l-operatur tal-*website*, hu ovvju li l-ligi tqis lill-editur bhala persuna li topera sit elettroniku[38].

Il-Gatley fir-rigward tat-terminu "*operator of a website*" fl-Artikolu 5 tad-Defamation Act [UK] 2013, li huwa l-ekwivalenti tal-Artikolu 12 tal-Att [Kap. 579], jghid hekk:-

"*Whether an operator* [of a website] *is the person who has the effective control of the site itself* ***or simply the content*** *is not entirely clear, though, as the provision is concerned with removing content, the latter interpretations seems more likely. For many sites, there is likely to be more than one person entitled to reply on the "operator" defence.* ***Thus, not only is the 'owner' of a social networking page an operator for the purposes of s.5 but so would be the entity that owns the website hosting the pages****. This would also be the case with most blog platforms. Section 5(12) provides that the fact that the operator "moderates" statements posted in the site does not of itself defeat the defence.*"[39] [enfasi tal-Qorti][40]

Mizmum ferm dan kollu, il-Qorti tqis illi l-persuna li tkun, anke b'mod sussidjarju, ipprovdiet il-pjattaforma ghall-pubblikazzjoni ta' midja miktuba u jkollha l-kontroll effettiv tal-kontenut ta' dik il-midja miktuba, ghandha titqies li tinkwadra fid-definizzjoni ta' "operatur" ghall-finijiet tal-Artikolu 12 tal-Att.

---

[38] Fil-kummenti tieghu dwar l-Art. 10 tad-Defamation Act, 2013, Matthew Collins jghid hekk: *"Editorial responsibility, presumably, means …. a moderator of online content posted by others."* Collins on Defamation [2014], 2.34, p. 32.
[39] Gatley on Libel and Slander – 6.39, p. 240. 12th Edition, Sweet & Maxwell, 2013.
[40] Huwa manifest illi l-Att huwa riproduzzjoni *in toto* tad-Defamation Act [UK] 2013, li giet tradotta bil-Malti b'mod kwazi *verbatim.*

B'referenza ghas-sottomissjonijiet li saru fir-rigward mill-abbli difensur tal-konvenuti, il-Qorti hija tal-fehma li huwa assurd illi "*l-editur*" jew "*ir-responsabbli ghall-pubblikazzjoni*", jigi interpretat ristrettivament sabiex jinkludi biss il-persuna li hija l-proprjetarja jew ghandha l-kontroll editorjali jew il-kontroll tal-impriza nnifisha li tippubblika midja miktuba, b'mod illi hija eskluza minn din id-definizzjoni l-persuna li topera ossia tikkontrolla b'mod prattiku u effettiv, jew li tkun l-intermedjarja ghall-kontenut tal-pubblikazzjonijiet li jsiru sussidjarjament fuq pjattaforma elettronika.

Ghandu jinghad illi fis-socjeta` tal-lum, fejn l-ikbar mezz ta' komunikazzjoni kif ukoll ta' disseminazzjoni ta' informazzjoni, opinonijiet u idejat hija dik tal-midja socjali, m'humiex biss l-imprizi tal-midja li jipprovdu pjattaforma ghall-pubblikazzjoni ta' espressjonijiet mill-pubbliku biex ikun hemm dibattitu fuq diversi materji ta' interess pubbliku, **izda kull min jipprovdi access, anke sussidjarjament permezz ta' servizz ipprovdut minn impriza li tiffornixxi network ta' komunikazzjoni elettronika, ghal pjattaforma li tippermetti lil terzi persuni jesprimu ruhhom.** M'hemmx dubju li f'tali kaz, dik il-persuna jkollha kontroll prattiku u effettiv fuq il-kontenut ta' dak li jigi ppubblikat fuq il-pjattaforma tal-midja socjali tieghu u ghandha titqies bhala l-operatur tas-sit elettroniku.

Wara kollox, m'huwiex accettabbli li l-persuni li jamministraw pagni tal-midja socjali ihallu lil kulhadd jikteb li jrid bhallikieku l-midja socjali hija sitwazzjoni *free for all* kif spiss qieghdin naraw jigri, minghajr ebda responsabbilita`.

Issa fil-kaz in dizamina, il-konvenuta Williams kienet bla dubju l-intermedjarja ghall-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet u espressjonijiet ta' terzi (f'dan il-kaz tal-konvenut Godfrey Leone Ganado) fuq il-pjattaforma *on-line* konsistenti fil-pagna tal-midja socjali taghha, u kif rajna, ghandha wkoll il-kontroll tal-kontenut ta' din il-pagna tal-midja socjali. **Ghaldaqstant, applikati l-konsiderazzjonijiet**

**kollha premessi, hija ghandha titqies bhala l-editur tal-pagna tan-network socjali taghha u bhala tali, hija wkoll responsabbli ghall-pubblikazzjoni tal-stqarrija diffamatorja fil-konfront tal-attrici**.

Il-konvenuta ma ressqet ebda provi illi llum il-gurnata, l-istqarrija li b'din is-sentenza qed tigi dikjarata li hija malafamanti, m'ghadhiex tidher *on-line*. Ghall-kuntrarju, il-konvenuta kkonfermat fix-xhieda taghha illi sal-lum il-*post* tal-konvenut Leone Ganado ghadha ma tnehhietx. Dan ma jistax ifisser hlief illi l-istess konvenuta mhux biss ippermettiet li jithalla ppublikat stqarrija fuq l-istess pjattaforma tal-midja socjali taghha, izda wkoll ratifikat l-istess stqarrija implicitament ghalkemm kienet formalment notifikata li din setghet titqies li hija malafamanti fil-konfront tal-attrici.

**<u>Likwidazzjoni tad-Danni</u>**

Kif stabbilit diga`, l-imputazzjoni lill-attrici tal-kelma "QAHBA" hija meqjusa intrinsikalment li hija kapaci taghti lok ghall-hsara serja lir-reputazzjoni taghha. Madanakollu, il-fatt illi l-imputazzjoni hija kapaci fiha nnifisha li tikkaguna hsara serja lir-reputazzjoni, ma ghandux ifisser li d-danni morali sofferti ghandhom necessarjament ikunu ekwivalenti ghas-serjeta` tal-imputazzjoni nnfisiha, ghaliex hemm diversi fatturi ohrajn li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni.

Waqt it-trattazzjoni gie sottomess mill-abbli difensur tal-konvenuti illi f'kaz li l-istqarrija tal-konvenut kellu jitqies bhala malafamanti, il-*quantum* tad-danni likwidat ghandu jkun minimu biex jirrifletti l-fatt illi kif jirrizulta mill-kummenti ta' terzi persuni fuq il-midja socjali, ir-reputazzjoni tal-attrici diga` giet imhassra bl-imgieba tal-attrici nnifisha fuq livell socjali.

Gie ritenut hekk in propositu:-

"*The fact that the claimant's reputation has been tarnished by other publications does not prevent the one in respect of which he complains, being actionable: Mthembi-Mahanyele v Mail & Guardian Ltd [2004] ZASCA 67; 2004 (11) B.C.L.R. 1182 (Sup. Ct. of Appeal of South Africa)*"[41]

Il-Qorti, filwaqt li taqbel illi l-pubblikazzjonijiet ohrajn precedenti, citati mill-konvenuti, ghandhom jincidu negattivament fuq il-*quantum* tad-danni morali li jistghu jigu likwidati fil-kaz tal-pubblikazzjoni in dizamina, tosserva illi l-fatt li terzi persuni ppubblikaw diversi drabi kummenti negattivi rigward l-imgieba tal-attrici, ma jfissirx illi l-giehha huwa kompletament distrutt u ma fiha ebda valur iktar, kif donnu jipprova jargumenta l-konvenut anke waqt it-trattazzjoni.

L-istess japplika fir-rigward ta' kummenti dispreggjattivi li setghet ghaddiet l-attrici fil-konfront ta' terzi. Ghalkemm huwa minnu li jidjer li l-attrici nnifisha setghet f'xi zmien fil-passat tellghet *post*s dispreggjattivi fil-konfront ta' persuni ohrajn u kienet vocifera fir-rigward, ghall-Qorti dan ma jfissirx illi l-azzjoni tal-attrici ghandha tfalli jew li ma ghandhomx jigu likwidati ebda danni.

F'dan il-kaz, il-Qorti qieset min-naha wahda, il-fatt illi d-dikjarazzjoni impunjata saret fil-konfront ta' persuna pubblika minghajr ebda rabta mal-kariga pubblika taghha; ix-xorta degradanti tal-istqarrija, il-fatt li din giet pubblikata fuq pjattaforma accessibbli u segwit minn kwantita` limitata ta' persuni; ir-rwol rispettiv taz-zewg konvenuti f'dan il-libell u l-fatt li l-pubblikazzjoni sal-lum ghadha ma thassritx. Min-naha l-ohra, ikkunsidrat ukoll illi il-fatt illi skont id-dokumenti esebiti mill-konvenuti, jirrizulta li hemm diversi persuni ohrajn li diga` attribwixxu lill-attrici l-istess imputazzjoni jew qiesu lill-attrici b'mod dispreggjattiv u d-diversi ritratti tal-attrici nnfisha ippubblikati minnha stess fuq il-midja socjali.

[41] Gatley, *supra*, 2.5, pg. 40.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u tiddikjara li l-konvenuta Rachel Antoinette Williams hija legittima kontradittur tal-azzjoni attrici;**
2. **Filwaqt li tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti biss safejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, tilqa' t-talba tal-attrici limitatament kwantu ghall-*post* "*Bil-Malti nghidu QAHBA*" billi tiddikjara li din id-dikjarazzjoni hija malafamanti fil-konfront tal-attrici;**
3. **Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom ihallsu lill-attrici s-somma ta' hames mitt Euro (€500) f'danni morali.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 579, tordna lill-konvenuta Rachel Antoinette Williams sabiex tnehhi l-imsemmija stqarrija malafamanti minn fuq il-pagna tas-sit elettroniku minnha kontrollat, fi zmien jumejn mil-lum.**

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**